**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 33 – IT-TNEJN, IT-6 TA' LULJU 2026 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dominic Cassar | Sindku |
| Pauline Vella Critien | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier (Minority Leader) |
| Carmelo Pace Taliana | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Norbert Dalli | Kunsillier |
| Salvu Debono | Kunsillier |
| Noel Dimech | Kunsillier |
| Claire Calleja Zammit | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Javier Caruana | Kunsillier |

Talba

Qabel il-laqgħa s-Seg Eżekuttiv, infurmat lill-mejda li qegħda tieħu pariri legali dwar sitwazzjoni li ilha għaddejja minn Frar 2026 dwar il-pożizzjoni tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv, insistiet li din mhi bl-ebda mod sitwazzjoni fil-ħajja private u għalhekk qed tikkonsulta lill-avukat speċjalizzat fuq dawn il-każijiet skont kif kien rakkomandat u diskuss mas-sindku. Din hija sitwazzjoni li fiha hemm insulti u indħil dwar il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, tas-Sindku u tal-kunsill inġenerali. Ħadd mill-għaxar kunsilliera jew is-Sindku ma kellhom xi oġġezzjoni jew mistoqsija dwar dan.

## 1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sur Trevor Fenech staqsa dwar jekk kienx hemm xi andament fuq numru 2.2. Is-SE qaltlu li bħala kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza oħra s'issa, kemm bil-posta uffiċjali kif ukoll b'imejl. Is-Sur Dominic Cassar ikkonferma dan ukoll min-naħa tiegħu

2.2 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, Claire Calleja Zammit ippropona l-minuti u Salvu Debono issekonda. Qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Ħsarat tal-Karozzi**

- Is-Sindku preżenta rapport ta' ħsarat li rċieva l-kunsill, għal darb'oħra l-mejda qablet unanimament li dawn l-ispejjeż tal-ħsarat imġarrbin m'għandhomx jiġu kumpensati mill-kunsill.

**Bin tal-Ħwejjeġ fi Triq Ismek Tifħirek**

- Is-Sindku rċieva talba sabiex issir talba biex jiġi installat bin ieħor tal-ħwejjeġ għaliex dawn ta' spiss ikun mimli u ma jkunx hemm lok fejn jitfgħu iktar. Il-kunsilliera qablu unanimament li għandha ssir talba sabiex dan jiġi mbattal b'mod iktar frekwenti għaliex jekk isir dan m'għandux bżonn ikun hemm żieda ta' bins.

**Is-Siġar ta' Triq il-Falkun**

- Infurmahom li is-siġra ta' Triq il-falkun ġiet maqtugħa.

## 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

- **Pauline Vella Critien:-** Aġġornament fuq il-binja, x'ġie deċiż fuq il-perit ta'qabel u applikazzjoni ta' permess ġdid?

- Is-Seg Eżekuttiv infurmathom li sa issa l-perit Robert Grech baqa' mingħajr ebda forma ta'komunikazzjoni, il-proċess bl-avukat jaf xorta jikkawża tul u spejjeż lill-kunsill, il-permess li hemm bħalissa għandu biss validu sa Diċembru 2026. L-ispiża li dan irid ta' 'l fuq minn EUR20 elf, hi iktar milli jekk il-kunsill jiddeċiedi li li japplika mill-ġdid bi pjanti u diżinji li fadal u hemm bżonn sabiex l-applikazzjoni għall-PA ġdid jinħareġ u l-kunsill ikun jista' jimxi mingħajr bżonn ta' formolarju ta' Change of Architect. Dawn l-ispejjeż ġew stmati għal madwar EUR15,000.

- Is-Sindku staqsa lill-mejda jekk jaqblux li l-kunsill għandu jipproċedi billi jissottometti applikazzjoni mill-ġdid mal-periti ta' XYZ li diġà ħadem fuq il-BOQ tekniku? Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jipproċedi b'dan.

- Kien hemm attendenza ta 300 ruħ min-nies madwar il-lokalita' li għażlu jiġu għal din is-serata u l-kumitat kellu jirrifjuta iktar nies minħabba loġistika.

- **Pauline Vella Critien:- Għaliex qed idum iż-żbir ta' siġar minn Mejju sa issa?**
-
- Is-Sindku weġibha li l-kuntrattur kellu problema bl-istaff u li issa suppost kollox reġa għan-normal. Joan Farrugia qalet li l-kunsill għandu jsib kuntrattur aħjar għaliex qed jintnefqu flus ta' xejn u lanqas tisqija mhi qed issir. Is-Sindku kkonferma li tisqija qed issir, is-Sur Fenech qallu li din mgħandhiex issir f'12pm. Noel Dimech qal li t-tisqija mhux qed issir biss f'12 imma kemm kmieni filgħodu u anke tard wara nofsinhar. Is-Sa Farrugia qalet li għandha tinżamm l-iskeda u mhux kollox bl-addoċċ.

**Pauline Vella Critien:-Electric Charging Points: fi triq il-mensija wara 18-il xahar?**

- Is-Seg Eżekuttiv infurmatha li kienet bagħtet komunikazzjoni bil-lista u bil-points u l-aħħar komunikazzjoni li l-kunsill irċieva kien li dawn qed isiru gradwalment u għandhom isiru sal-aħħar tas-sena.

**Pauline Vella Critien:-Għaliex tħassar il-meeting mas-CRPD u l-perit?**
- Is-Seg Eżekuttiv qaltilha li dakinhar li kellu jsir inqalat ċirkostanza u għalhekk kellu jitħassar. Aktar minn hekk infurmathom li l-aċċessibilta' mhix biss għal resident uniċi iżda għar-residenti kollha għalhekk spekulazzjonijiet dwar dan mgħandhomx ikunu msemmija, għaliex ikun aħjar kieku dan ġie solvut u tlesta. Iktar minn hekk din it-talba għal-laqgħa saret sabiex issir bejn l-entitajiet konċernati minħabba li kien hemm ħafna taħwid fil-korrispondenza, u l-entitajiet preżenti konċernati għandhom ikunu, il-kunsill u l-perit, is-CRPD u l-MFOPD.

**Joan Farrugia:- Triq Stefanotis tista' titneħħa tal-ħġieġ u ssir oħra tal-kartun?**
- Is-Sindku qallha li niċċekjaw kemm dawn qed jiġu mbattlin spissi u naraw.

**Joan Farrugia:- Quddiem l-HSBC hemm bankina ħierġa 'l barra tista' din tiġi dritta biex iżżid parkeġġi?**

- Trevor Fenech weġibha li din saret fi żmien li kien sindku bi ħsieb, għaliex meta tinsel xita qalil u jkun hemm maltempata din ittaffi mill-għargħar tal-ilma, ukoll is-sewwieqa jduru b'inqas speed. Kif qegħda pożizzjonata xorta waħda mhux qed tieħu mill-kaxxi tal-oarkeġġ għax mhemmx 5m mill-kantuniera.

**Trevor Fenech:-** staqsa jekk sarx xi ħaġa f'Bkara Road, għall-ħanut li qed jagħmel noise pollution bil-fliexken li qed jaħżen bla permess fil-parapett

tiegħu. Dan qed ikun inkonvenjent. Pauline Vella Critien qalet li dan ilu li ġie diskuss u li hu qal li kien fil-parapett tiegħu u hi rraportat dan ukoll.

**Trevor Fenech:-**staqsa wkoll sabiex il-kunsill jieħu ġsieb li jirranġa l-puġġaman abjad fejn il-palma ta' Misraħ Lewża, dan wara għandu jintbagħat il-kont lic-CEO Matthew Zerafa tal-Housing għar-rimbors.

## 5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 27

5.1 Pauline Vella Critien għaddiet rimarka fuq il-prezz tal-karti tal-printing, iżda dik hi nefqa ta' 100 kaxxa, u rrimarkat li mill-Golden Gate hi tixtrihom b'EUR14-il kaxxa. Is-SE qaltilha li ser tara dawn il-prezzijiet u fejn ikun jaqbel tixtri.

5.2 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, ippropona l-iskeda tal-pagamenti Trevor Fenech u ssekondah Norbert Dalli. Kien hemm qbil unanimu

## 6 Rapport tas-Sottokumitat

Il-Kunsillier Lino Pace Taliana qal li hemm bżonn li jiġu mnaddfa l-areas li fihom qed isiru x-xogħlijiet ta' Triq Antonio Schembri, għax qed ikun hemm ħafna ilmenti.

- Talab sabiex Triq San Pawl issir mera, is-Sur Fenech u s-sur Cassar qalulu li din m' għandhiex għala ssir, 1. Bis-suppost dawn jimxi skont id-direzzjoni tat-traffiku u mhux jaqsmu għan-naħa l-oħra u 2. Jekk il-karozzi ma jipparkjawx fil-kantuniera ma jimblukkawx il-vista.

## 7 Oġġezzjoni għall-applikazzjoni tal-PA;

7.1 Is-Sur Cassar flimkien mas-Sur Fenech qalu li l-kunsill għandu jibgħat objection għall-permess li hemm fil-inja ta' maġenb il-knisja u kif għandu jiġi rimarkat li din il-binja ma tistax titla 'l fuq iktar mill-knisja bħalma jsir f'kull raħal ieħor.

7.2 Is-Sur Fenech qal ukoll li PA/036/500/26 Triq Ġiżi ma Vjal ir-Rihan hemm propost li l=binja tinbidel f'class 3A, hostel b'okkupazzjoni ta' 54 ruħ u jżid 4+1. Il-kunsill għandu wkoll jitfa' din l-oġġezzjoni. Il-probabilta' hi li din tintlaqa' mill-ewwel għaliex qegħda f'restricted area. Trevor Fenech issuġġerixxa wkoll li tiġi impustata ittra li l-kunsill oġġezzjona għal dan lit-triq kollha.

## 8 Talba mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes;;

8.1 Is-Sindku infurmahom bit-talba li għamlu l-għaqda tal-banda, sabiex ladarba minħabba l-isfortuna tal-kamra tan-nar din is-sena l-għaqda tan-nar mhux ser itellgħu nhar, l-għaqda tal-banda iwessgħu l-programm tagħhom u jżidu xi nar mill-art fejn il-każin. Sabiex jagħmlu dan talbu EUR7,000. Is-SE infurmathom li

l-kunsill diġà kien ivvota li jagħti EUR3000 lill-għaqda tan-nar, dawk issa jistgħu jiingħataw lil tal-banda, ġie diskuss li għandhom jiġu votati EUR2000 sabiex l-attivitajiet tal-festa jkunu isbaħ għal-lokalita. Għalhekk kien hemm qbil unanimu li l-ammont ikun ta' EUR5000.

Il-laqgħa spiċċat fis-18:30 u l-laqgħa li jmiss se ssir fl-4 t' Awwissu fil-17:30

**Gaynor Bajada**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dominic Cassar**
**Sindku**